MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 2141/2003

**Jesmond u Marthese konjugi Hili u b'digriet tal-11 ta' Dicembru, 2003 giet kjamata in kawza is-socjeta` Master Electric Co. Ltd.**
**vs**
**Emanuel Delia**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Ottubru, 2003, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u tmienja u hamsin lira Maltija (Lm258.00) jew somma verjuri li tigi stabbilita mit-Tribunal, rapprezentanti spejjez li kellhom jaghmlu l-atturi wara li x-xoghol li esegwixxa l-konvenut fil-fond proprjeta` taghhom ma sarx skond is-sengha u l-arti, liema spejjez jikkonsistu f'xogholijiet rimedjali mehtiega per konsegwenza ta' perkolazzjoni ta' ilma.**
**Bl-ispejjez, u bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-26 ta' Novembru, 2003, fejn intqal:**
**i. Illi t-talba tal-atturi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi fl-ewwel lok t-talba hija preskritta.**
**ii. Illi fit-tieni lok ix-xoghol sar skond l-arti u s-sengha u ma kien hemm ebda ilment mill-attur meta x-xogholtlesta xi hames snin ilu**
**iii. B'riserva ghall-eccezzjonijiet ohra.**

**Ra l-kontro-talba prezentata mar-risposta fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u tletin lira Maltija (Lm430.00) bilanc dovut lill-konvenut mill-attur.**

**Ra r-risposta ghall-kontro-talba prezentata fil-11 ta' Dicembru, 2003, fejn intqal :**
**i. Illi preliminarjament, it-talba tal-konvenut rikonvenjenti hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malat ;**
**ii. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talba tal-konvenut rikonvenjenti ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontrih, stante illi l-ammont pretiz mhux dovut ;**
**iii. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.**
**Ra n-nota tal-konvenut tat-22 ta' Ottubru, 2004, fejn indiuka l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili bhala l-Artikolu rilevanti dwar il-preskrizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-kjamat in kawza prezentata fit-13 ta' Jannar, 2004, fejn intqal illi t-talba hija preskritta a tenur ta l-Artikolu 2149(a). Illi fit-tieni lok ix-xoghol sar skond l-arti u s-sengha.**

**Semgha x-xhieda ta' Marthese Hili. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. B'sentenza tas-16 ta' Settembru, 2005, it-Tribunal kif diversament presedut, iddecieda gew michuda l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni sollevati.**

**2. Bhala provi l-unika xhieda hi dik ta' Marthese Hili. Minn din jirrizulta illi l-konvenut kien hgie inkarigat jaghmel ix-xoghol ghall-atturi, u kien hemm perkolazzjoni ta' ilma.**
**3. Kien mar il-Perit Saviour Borg u dawn ikkonferma li dak li kien hiereg kien ilma. Gie esebit r-rapport tal-Perit Mario Grech, Dok.JH1. L-attrici ammettiet li kien hemm bilanc ta' erba' mija u tletin lira dovuti lill-konvenut, u kienet halliet dan l-ammont pendenti sdabiex il-konvenut ilesti x-xogholijiet. Jirrizulta li d-danni sofferti mill-atturi kienu fis-somma ta' hamsin lira u mhux fis-somma minnhom reklamata.**
**4. Ghalhekk jirrizulta li l-ammont reklamat mill-attrici huwa dovut biss fis-somma ta' hamsin lira, kif ukoll huwa dovut l-ammont reklamat mill-konvenut fil-kontro-talba tieghu.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u u l-kontro-talba tal-konvenut, u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 1196 tal-Kap.16, jigi li l-atturi ghandhom ihallsu lill-konvenut is-somma ta' tlett mija u tmenin lira Maltija (Lm380.00), u konsegwentement jikkundanna lill-atturi jhallsu lill-konvenut l-imsemmija somma ta' tlett mija u tmenin lira Maltija (Lm380.00), filwaqt illi jillibera lill-kjamat in kawza mill-osservanza tal-gudizzju.**
**L-ispejjez ta' dina l-istanza, kif ukoll dawk tad-decizjoni preliminari ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn l-attur u l-konvenut, hlief ghall-ispejjez tal-kjamat in kawza li ghandhom jibqghu a karigu tal-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------